**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 475/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Nicholas Zammit**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Nicholas Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0007660(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-12 ta' Settembru 2020 u matul il-ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Brayden Grech Farrugia mwieled fis-17/10/2007 u lil Emerson Camilleri mwieled fil-11/05/2007, biza' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;
2. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u Emerson Camilleri mwieled fil-11/05/2007 liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;
3. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju għal Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u Emerson Camilleri

mwieled fil-11/05/2007, liema delitt twettaq fuq jew fil-presenza tal-istess minuri;

4. U aktar talli talab favuri sesswali mingħand Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u Emerson Camilleri mwieled fil-11/05/2007, liema delitt twettaq fuq jew fil-presenza tal-istess minuri;
5. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ssoġġetta lil Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u Emerson Camilleri mwieled fil-11/05/2007 għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;
6. U aktar talli ħebb kontra Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u għal Charlene Farrugia I.D. 362892M sabiex jinġurjahom, iddejjaqhom jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni;
7. U aktar talli għamel lil Brayden Grech Farrugia imwieled fis-17/10/2007 u għal Charlene Farrugia I.D. 362892M u lil Emerson Camilleri mwieled fil-11/05/2007 inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(d)(e), 339(d), 339(e) u 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Nicholas Zammit ħati tar-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkużi, u stante li s-seba' (7) akkuża hija assorbita fir-raba' (4) u fil-ħames (5) akkużi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundanatu għal tlettax (13)-il xahar priġunerija sospizi għal sentejn (2) filwaqt li illiberatu mill-akkużi l-oħra kollha fuq nuqqas ta' provi. Inoltre' l-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur tal-vittmi għal zmien sentejn (2), liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Nicholas Zammit, ippreżentat fit-28 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2023 fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi fl-ewwel lok tikkonfermaha f'dik il-parti fejn hu ma ġiex misjub ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża miġjuba kontra tiegħu li minnhom ġie lliberat fuq nuqqas ta' provi, u tirrevokaha u tbiddilha fil-kumplament, u ċioe'

f'dik il-parti li biha huwa ġie misjub ħati tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) akkuża b'dan li s-seba' (7) akkuża hi assorbita fir-raba' (4) u fil-ħames (5) akkużi miġjuba kontrih u dan billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-ebda waħda minn dawn l-akkużi u għalhekk tilliberah minnhom u kif ukoll tilliberah minn kull ħtija u piena u f'każ ta' sejbien ta' ħtija tagħti piena li tkun tagħmel aktar għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar is-17 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel aggravju ventilat mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dawk ir-reati li dwarhom instabet il-ħtija. Huwa jisħaq li hemm diversi mankanzi fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, fosthom fin-nuqqas ta' kreddibilita' tax-xhieda u l-fatt li l-*mobile phones* tal-partijiet qatt ma ġew ezebiti. Huwa jtenni li dawn il-mankanzi kollha kellhom jimmilitaw favur tiegħu.

Illi, stante li dan l-aggravju huwa strettament marbut mal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-

Illi, dan il-każ kien xprunat minn rapport li sar lill-pulizija nhar it-12 ta' Settembru 2020 minn ċertu Charlene Farrugia (li hija omm l-allegat vittma Brayden Grech Farrugia) u ommha Maria Carmela Farrugia fejn huma rrapurtaw li l-appellant kien hedded lil-minuri Brayden Grech Farrugia, iben Charlene Farrugia. Dan l-inċident allegatament seħħ ġewwa Triq it-Torri, il-Qrendi. Jirriżulta minn dan ir-rapport illi skont dak mistqarr ma' nanntu l-imsemmi minuri, li f'dak iż-żmien kellu tnax-il sena, ċertu 'Kola', ċioe' l-appellant Nicholas Zammit, waqfu fit-triq fejn beda jittantah u wkoll ikellmu ħazin u wara qallu d-diskors, *'ara ma nkunx naf li għidt lil xi ħadd għax inpattijilek'*. Illi wara ftit jiem u ċioe' fil-11 ta' Settembru 2020, il-minuri Brayden Grech Farrugia kien reġa' stqarr ma' nanntu illi l-appellant, Nicholas Zammit, beda jittanta lil sieħbu ta' l-istess eta' u meta mar jiddefendih, l-appellant kien qabdu minn għonqu.

Illi, sussegwentement, Charlene Farrugia reġgħet irrikorriet għand il-Pulizija, aktar tard fl-istess jum li sar ir-rapport, fejn stqarret li meta kellmet lil binha u staqsietu x'ried ifisser meta kien qal lill-nanntu li Nicholas Zammit kien ittantah u kellmu ħazin, it-tifel weġibha li Nicholas Zammit kien stiednu jidħol għandu biex jagħmillu xi ħaġa x'jiekol izda darba minnhom kien qallu biex *"jerdaħulu u li kien ser jaħxih f'sormu"*. Charlene Farrugia infurmat ukoll lill-Pulizija li Zammit kien qed jittanta lill-ħabib ta' binha, Emerson Camilleri, bl-istess mod. Żiedet tgħid lil pulizija illi dakinhar, u ċioe' nhar it-12 ta' Settembru 2020, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, kienet marret fi Triq it-Torri, Qrendi biex tara issibx lill-appellant sabiex twissieh ma jkompliex jittanta lil binha ta' tnax -il sena:-

> **"Farrugia stqarret li kif rat lil Nicholas nizzlet mill-karrozza u qaltlu l-kliem 'inti ridt iddaħħal it-tifel id-dar biex tagħmel affarijiet sesswali miegħu, għalhekk ridt tkellmu waħdu'. Nicholas weġibha lura biex ma tgħajjatx għax kien hemm in-nies. Dak il-ħin dar lejn binha u qal il-kliem 'ħa jiddispjeċikom li mortuli l-għassa'. Farrugia ziedet tgħid li dak il-ħin bdiet**

Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**tibza' u rikbet fil-karozza u hu daħħal idu mit-tieqa tal-karozza u laqatha f'darha izda ma ġarbitx l-ebda ġrieħi".**

Illi, wara dawn ir-rapport, il-pulizija bdiet bl-investigazzjonijiet fejn kien mitkellem il-minuri Emerson Camilleri li *a tempo vergine* ikkonferma dak li kien irrappurtat minn Charlene Farrugia  kif ukoll illi nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2020, Nicholas Zammit kien qallu id-diskors, '*indaħħlek ġewwa, innezzalek il-qalziet u noqgħod nerdaħulek*' u xi ġimgħa qabel dan l-inċident kien stiednu biex jidħol għandu. Huwa zied jgħid li "*Nicholas Zammit kien anke għamel xi mossi waqt li miss il-parti tiegħu*". Fl-aħħarnett huwa stqarr li Zammit kien stedinhom biex imorru f'post l-Imqabba biex ilaqqagħhom ma' xi tfajla ta' madwar 16 -il sena.

Illi, sussegwentement, nhar l-14 ta' Settembru 2020, l-appellant kien mitkellem mill-pulizija, li wara li ngħata d-drittijiet skond il-liġi, stqarr:

> **"kien qiegħed barra u anke filgħaxija l-istess jagħmel. Ġurnata minnhom kien għaddej xi tifel bir-rota fejn dan it-tifel waqaf ikellem lil Nicholas u qallu biex ibaxxi l-ispeaker li kellu u umbagħad it-tifel qallu li fjakka. Nicholas qallu 'Ma kiltx?' u t-tifel wieġbu 'Għax in-nanna ma sajritx u ma hemmx ikel id-dar' u Nicholas qalli 'ma tmurx għand ommok filkas' u t-tifel qallu 'lanqas naf fejn qegħdha' u offrilu jekk iridx biċċa ġobna tal-bzaru, tadam u bzaru. It-tifel irringrazzjah u baqa' jistenna lil sieħbu fejn meta kien tielaq, it-tifel ħariġlu s-saba' tan-nofs u qallu foxx kemm għandek lil Nicholas".**

Dwar l-inċident fejn huwa allegatament ħebb għal Charlene Farrugia, stqarr:

> **"li kienet Charlene Farrugia li marret tfittxu fit-triq fejn joqgħod hu u ikkonferma li din staqsietu jekk kienx stieden lil binha għall-atti sesswali miegħu u kif ra tifel kull ma qallu għala kien mar jagħmillu rapport meta hu kull ma offrielu biex idaħħlu ġewwa jagħmillu biċċa ħobz huwa għax it-tifel kien qallu li kien sejjer jixtri pizza mill-pjazza. Mistoqsi jekk heddidhom jew daħħal idejh mit-tieqa tan-naħa tax-xuffier tal-karozza, Zammit wieġeb fin-negattiv".**

Illi, quddiem l-Ewwel Qorti xehdet l-Uffiċjal Prosekutur, l-iSpettur Roxanne Tabone, fejn stqarret li kienet ħadet il-verzjoni tal-fatti taz-zewġ allegati vittmi wara li sar ir-rapport. Hija xehdet li nhar l-20 ta' Settembru 2020, kellmet lill-minuri Brayden Grech Farrugia fejn l-istess  stqarr illi: –

> **"nhar il-11 ta' Settembru 2020 kien miftiehem ma' sieħbu Emerson biex jagħtih xi speaker u in return jagħtih xi card tal-mobile. Spjegalna li Nicholas**

magħruf bħala Kola kien joqgħod viċin l-istationery Papel ġewwa l-Qrendi. Brayden qal li kien wasal qablu Emerson u beda' jisma' lil Kola jgħid lil Emerson biex jerdaħulu u ried li jlaqqgħu ma' xi tifla li kienet tidher li hija fake skont Brayden u tah location abbandunata u tah ħin ukoll. Emerson qala' argument u qallu 'Kont se ngħidlek x'nerda'. Imbagħad mar Brayden u waqqafhom u bdew jargumentaw. Nicholas dak il-ħin beda jitkellem ħazin u qabdu minn għonqu u beda' joffendih lil Brayden. Wara ftit kien ħallih għax kienu għaddew in-nies… Brayden qal li l-ġimgħa ta' qabel kien għaddej bir-rota u Nicholas kien qallu biex iġerrihulu u hu jġerri tiegħu kif ukoll biex joqgħod jerdagħhulu. Brayden qal li kien ħadlu xi ritratti Kola u qallu 'Issa noqgħod inġerrih għalik'. Kola qallu li jekk jiftaħ ħalqu ma kienx se jara d-dawl tax-xemx t'għada. Dan kollu ġara quddiem id-dar ta' Kola ġewwa l-Qrendi. Kola qal lil Brayden biex jaħxih f'sormu ukoll. Brayden qal li l-istess diskors intqal lil Emerson il-ġimgħa ta' wara. Kola qallu biex ilaqqgħu ma' tifla li kienet tiġi minnu u wara beda jgħidlu li kienet ħabiba tiegħu. Fil-verita' ma jafx tiġix minnu jew le Brayden. Qallu li kien se jieħdu f'post abbandunat u jkun hemm din it-tifla li għandha 16 -il sena biex joqgħodu jagħmlu l-affarijiet sesswali magħha. Brayden kien ħaseb li se jkun hemm Kola fil-post mhux din it-tfajla u għalhekk beda' jibza' u m'aċċettax minħabba l-kliem li kien qed juza'. Hu kien spjegalhom li din it-tifla toqgħod iz-Zurrieq u tmur taħdem ġewwa l-Qrendi fejn hemm dawn l-għelieqi. Brayden qal li kien daħal id-dar ta' Kola ukoll u baqa' ħdejn il-bieb sakemm ġablu birra. Brayden qal li Kola kien qallu biex jidħol fejn kien baqa' ħdejn il-bieb għax beda' jibza' minnu. Beda jissuspetta li se jagħmillu xi ħaġa. Qal li dan l-istess Kola meta kien zgħir, ittanta liz-ziju tiegħu Glenn Chris Farrugia. Kien qallu ukoll joffrilu jagħmillu x'jiekol fejn hu hemmhekk ukoll qallu 'Naħxik f'sormok'."

Illi, l-Ispettur Tabone xehdet ukoll li kienet tkellmet mal-minuri Emerson Camilleri:–

"fejn beda jispjegalna li dan Kola, Nicholas Zammit, kien imur ħdejh għax kien joqgħod il-Qrendi u kien joqgħod bil-qiegħda faċċata tal-bank li għandu d-dar tiegħu. Qal li dan is-soltu kienu joqgħodu jitkellmu u saru ħbieb, kien joħroġ ma' sieħbu bir-rota u meta kienu jgħaddu kienu jsellmulu.... Għall-aħħar ta' Awwissu bdew jintefgħu aktar spiss ħdejh u beda jispjega li nhar il-11 ta' Settembru beda jkellmu fuq xi tfajla ta' 16 -il sena għax apparentament Emerson kien talab lil Kola jekk jafx xi tfajla biex tkun l-għarusa tiegħu u Kola ssuġerilu lil din it-tfajla ta' 16 -il sena u kien qallu 'nieħdok magħha ħalli tagħmel is-sess, inqabbadilek għas-sess". Dan beda jispjega Emerson li hu ma xtaqx tfajla għas-sess pero' biex tkun l-għarusa tiegħu. Beda jgħidilhom li jieħdu f'dan il-post fl-Imqabba, li toqgħod iz-Zurrieq u jlaqqagħhom magħha u li jrid jgħidilha hu meta se jkun sejjer, irid jiftiehem hu ... Beda jgħidlu 'Ikollok x'taqsam magħha. Qiskom l-għarus u l-għarusa'. U beda' jerġa' jinsisti, insista ħafna miegħi li beda jgħidli li s-sess hu qatt ma' semmih ma' Kola. Beda' jgħidlu li hu jmur ma' xi waħda u din tiġi z-zija ta' din li se jmorru magħha Kola. Dejjem isemmilu s-sess wara Settembru. Beda jinkwieta għax il-mod kif beda jkellmu beda' jaħseb li se jkun hemm hu... hu qalli li ma bedix jafda lil Kola

**għax qallu ;Jew nieħdok jien jew tmur waħdek'. Qallu 'Issa mmur jien għax naf fejn. M'għandekx għalfejn teħodni int". Beda jibza' għax hemmhekk ovvjament qiegħed imwarrab u ma kien se jisimgħu ħadd jekk kien se jaħtfu. Emerson qalilna li sess Kola ma jagħmilx biss ma' mara izda anke ma' raġel ... kien jagħmel ħafna mossi b'idu, jaqbad il-parti tiegħu u joqgħod jgħidilhom 'Ara x'wieħed għandi'. Skond Emerson ikun qed jgħaddilu messaġġ fin fin. Kien qallu biex idaħħlu ġewwa u jintefa' 'jerdali l-bajd u jien nerda tiegħu'. Emerson wallu li hu mhux gay u pufta u qallu 'Int mhux tipprova! Taf kemm tħossok cool u tħossok sew'. Kien qallu biex ma jgħid lil ħadd rigward dan id-diskors. Emerson qalilna li ħasbu li qed jiċċajta u kien reġa' mar ħdejh fil-fatt l-għada pero' baqa' jagħmel l-istess mossi b'idejh, bil-parti tiegħu u ovvjament l-affarijiet bdew imorru aktar għal-għar. Qalilna li lilu qatt ma kien messu. Baqa' dejjem jitkellem fuq din it-tfajla li se jiftiehem magħha xi darba biex fl-aħħar ilaqqgħu magħha u reġa' kien għajjatlu biex ikellmu u kien reġa għamel il-mossa b'idejh u kien induna li ried is-sess. Qallu 'Xi darba ngħidlek u nlaqqgħek magħha'. Qalilna li kemm il-darba offrilu s-sigaretti pero' hu qatt ma kien ħa.... Kien qalilna ukoll li ġieli wrieh xi ritratti ta' xi nisa Emerson lil Kola u dejjem jgħidlu 'Ara x'wieħed għandi'. Kien jgħidli 'Int għandek wieħed kbir biex isseraħħa?' kien jgħidlu 'Iva għandi imma jien irridha bħala għarusa mhux biex nagħmel is-sess'. Kola kien jgħidlu li hu jagħmel hekk ma' din il-mara li jmur magħha ġewwa z-Zurrieq. Meta kien jara xi mara sabiħa kien jgħidlu 'Ara kif qed iqumli'. Kien jispjegalu ukoll li meta tispara l-isperma tiegħu, is-saħħa tiegħu tonqos, ma tkomplix sejra. Kien saqsih jekk ġilix ġabha. Kien qallu sabiex joqgħod attent meta jmur ma' din it-tfajla ġewwa l-Imqabba. Qallu 'Ma jmurx ikollha baby'. Qallu 'Ara ma tinqabadx għax tiġi fl-inkwiet'. Beda jenfasizza li 'Dan il-kliem li ngħidlek jien tgħidu l-ħadd. Zommu għalik'. Emerson spjega li Kola kellu xi atti sesswali ma' xi kapillan li kien joqgħod viċin id-dar tiegħu... kien hemm ukoll episodju ieħor darba kien se jagħmel operation fl-isptar u l-istess it-tabib għamillu blow job, regħdalu l-parti ta' Kola u minn hemmhekk beda jissuspetta li kien gay dan it-tifel."**

Illi, sussegwentement, kemm il-minuri Brayden GrechFarrugia kif ukoll Emerson Camilleri xehdu quddiem l-Ewwel Qorti fejn it-tnejn li huma reġgħu tennew il-verzjoni tal-fatti mogħtija lill-pulizija. Emerson Camilleri ikkonferma dak li kien qal lil Pulizija, hekk kif riprodott preċedentement mill-iSpettur Tabone, u ċioe' li huwa kien imur ikellem lill-appellant ta' spiss u fil-bidu l-affarijiet kienu normali. Izda mbagħad l-affarijiet inbiddlu u l-appellant "**beda jagħmel mossi b'idejh imiss ġismu**" "**u jkellimni fuq is-sex**". Qal ukoll li l-appellant kien jgħidlu "**indaħlek ġewwa noqgħod nerdalek zobbok**" u "**Int terda tiegħi u jien nerda tiegħek**". Qallu ukoll sabiex "**indaħħalulek**" u li ser jieħu pjaċir iżda hu dejjem irrifjuta. Jisħaq li dana id-diskors kien inqtal ukoll lil sieħbu Brayden.

Illi, minn naħa tiegħu, Brayden Grech Farrugia ukoll ikkonferma dak li kien qal lil Pulizija *a tempo vergine* fil-konfront tal-appellant. Żid igħid:–

> "**kien qalli ċertu kliem ħazin, kien qalli biex jaħxini f'sormi, kien qalli aw joqgħod iġġerihuli u jiena nġerrih għalih, aw joqgħod iġġerihuli u jien inġerrihulu. Kien qalli biex jerdahuli. Kien ħadli ċertu ritratti qalli issa noqgħod inġerrih għalik**."

Il-minuri xehed li għal bidu ma kienx ħadu bis-serjeta' imma mbagħad l-affarijiet baqgħu jiggravawu u għalkemm talbu biex jieqaf, Zammit baqa' jippersisti miegħu u iġiegħlu jidħol f'daru. *In oltre*, il-minuri semma' ukoll episodju fejn l-appellant kien qabdu minn għonqu u beda jifgaw u dan meta hu mar biex jiddefendi lil sieħbu Emerson. Ikompli jixhed illi meta offendieh b'ommu huwa irrispondieh billi qallu xi kliem ħazin, iżda hawn l-appellant qabbdu minn għonqu u wrieh il-ponn. Fl-aħħarnett, il-minuri xehed li wara li għadda minn din l-esperjenza, illum sar jiddejjaq joħroġ fis-soċjeta' għax iħossu skomdu.

Illi, xehdet ukoll in-nanna tal-minuri Brayden Grech Farrugia, Carmen Farrugia, li ukoll ikkonfermat dak kollu li kienet stqarret mall-Pulizija. Xehdet li kienet tara lil Brayden imdejjaq u li meta staqsietu x'kellu, huwa kien staqsieha jekk tistax iżżomm sigriet, fejn wara fetaħ qalbu magħha u qalilha li l-appellant kien qed jgħidlu xi kliem pastaż. Xi jumejn wara mbagħad kien stqarr magħha li l-appellant kien qabbdu minn għonqu għax huwa kien mar jiddefendi l-sieħbu Emerson. Spjegalha li l-appellant kien qed jisforża lil Emerson sabiex jidħol għandu id-dar biex jagħmel "**xi affarijiet pastazi miegħu**" u Brayden kien ħariġlu s-saba' tan-nofs u qallu "**pufta**" fejn dak il-ħin l-appellant kien qabdu minn għonqu. Carmen Farrugia għalhekk kienet infurmat lill-bintha Charlene b'dak li kien stqarr magħha il-minuri.

Illi, Charlene Farrugia quddiem l-Ewwel Qorti wkoll kkonfermat dak kollu li kienet irrapurtat lill-Pulizija. Ikkonfermat li kienet ommha li kienet infurmatha dwar dak li kien qed jiġri u għalhekk kellmet lil binha Brayden u sfurzatu jgħidilha x'kien għaddha minnu. Tgħid li wara li kien qalilha d-dettalji kollha, inzertat għaddejja bil-karozza u lemħet lill-appellant u peress li kienet emozzjonata kienet qaltlu "**ma jmissekx tistħi għalhekk daħħaltu it-tifel biex taħxih f'sormu**". Xehdet li dak il-ħin

huwa ħebb għaliha, daħħal idejh minn wara għonqha fil-karozza, iżda hi rnexxilha tagħfas il-*gas* u telqet minn fuq il-post.

Illi, Josianne Camilleri, omm Emerson, xehdet illi binha kien għarrafha li l-appellant ipprova jifga lil sieħbu Brayden, iżda saret taf b'dak kollu li kien seħħ minn għand Charlene Farrugia. Sussegwnetment kienet reġgħet kelmet lil binha Emerson u dan fl-aħħar ammetta magħda dak li kien għamillu l-appellant u d-diskors li kien qallu b'implikazzjonijiet sesswali. Is-Sinjura Camilleri xehdet ukoll li t-tifel tagħha beda' jibza' jitkellem għax l-appellant kien heddu bid-diskors illi **"jekk jitkellmu ix-xemx ta' għada ma tarawiex**".

Illi, għalhekk huwa evidenti li z-zewġ minuri kienu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti tagħhom u t-tnejn li huma jirrakkontaw l-istess storja u jikkorroboraw lill-xulxin. Minn naħa l-oħra pero', l-appellant dejjem innega l-involviment tiegħu u ċaħad li seħħ dak kollu mistqarr minn dawn il-minuri. Jgħid li ebda wieħed minn dawn il-minuri qatt daħal ġewwa daru u li kien il-minuri Brayden Grech Farrugia li kien talbu s-sigaretti u l-birra u li dawn ma kienx offriehomlu hu. Jisħaq ukoll fermament li affarijiet relatati mas-sess ma' jinteressawhx u anzi jdejjquh u li hu lanqas hu kapaċi jkollu attivita' sesswali minħabba l-mediċini li jrid jieħu. Jippreċiza li hu m'għandux interess li jkollu attivita' sesswali la ma' mara u lanqas ma' raġel. Jgħid ukoll li kien Emerson li urih ir-ritratti ta' tfajliet għarwenin u li hu ma ridx jarahom għax idejjquh. *In oltre*, jinnega li qatt tkellem fuq il-parti privata tiegħu mal-minuri. Ukoll, jammetti illi lill-minuri kien qalilhom l-istorja fejn qassis kien ipprova jabbuża minnu, iżda igħid li hu kien irrifjuta l-avvanzi tiegħu u tefgħu l-barra, kif ukoll storja oħra meta ners/tabib kien għamel xi avvanzi fuqu li ukoll irrifjuta tant li saħansitra rrapurtah lil ta' fuqu. Jgħid li kien hemm bosta nies interessati fih fosthom ġara bl-isem ta' Lucia imma jgħid li hu dawn l-affarijiet iwarrabhom. Jippreċiza ukoll li kien il-minuri Emerson li kien ħeġġu sabiex idaħħalhom ġewwa biex joqgħodu jagħmlu l-affarijiet sesswali flimkien u hu m'aċċettax. Finalment huwa jiċħad ukoll li hedded jew ħebb għall-minuri jew għall-familjari tagħhom. Fir-rigward l-episodju fejn huwa allegatament qabad lill-minuri Brayden Grech Farrugia minn għonqu, huwa jinnega u l-ewwel jgħid li ma qabdu minn imkien, imbagħad aktar 'il quddiem jgħid li qabdu

mir-*racer* li kien qed isuq il-minuri peress li dana kien ħariġlu s-saba' tan-nofs u offendieh.

Illi, dan kollu l-appellant reġa' tennieh meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Huwa reġa' saħaq li ż-żewġ minuri kienu jmorru ħdejh u li l-minuri Emerson Camilleri kien joqgħod jurih ritratti ta' nisa għarwenin. Xehed li kien offrielhom li jlaqqagħhom ma' tfajla biċ-ċajt, u li infatti dina t-tfajla ma kinitx tezisti. Xehed ukoll li qalilhom l-istorja tal-qassis u tat-tabib sabiex jiftħilhom għajnejhom dwar kemm jeżisti ħażen. *In oltre*, huwa reġa' tenna li kien l-minuri Emerson Camilleri li ried li jdaħħlu ġewwa u li anke ried jurih il-parti privata tiegħu imma huwa m'aċċettax. Xehed ukoll li qatt ma insulenta jew ħebb għal ħadd u li kienet Charlene Farrugia li bdiet toffendih b'ommu u bil-mejtin tiegħu għall-ebda raġuni.

Illi, xehed ukoll Dr Raymond Sacco li kkonferma li minħabba fil-pilloli li l-appellant jieħu sabiex jikkontrolla l-aċċessjonijiet u l-pressjoni, huwa ma jkunx jista' jkollu erezjoni jew jekk ikollu ma tkunx waħda b'saħħitha. Madanakollu it-tabib xehed li l-appellant xorta waħda kapaċi jkollu xewqat sesswali u li l-pjaċir u x-xewqa li jagħmel dawn l-affarijiet sesswali hemm tibqa'.

Illi, finalment il-Prosekuzzjoni resqet il-prova li stabbilit li Brayden Grech Farrugia twieled nhar is-17 t'Ottubru 2007 u għalhekk fit-12 ta' Settembru 2020 huwa kellu tnax-il sena filwaqt li Emerson Camilleri twieled nhar il-11 ta' Mejju 2007 u għalhekk fit-12 ta' Settembru 2020 huwa kellu tlettax -il sena.

Illi abbażi ta' din l-evidenza l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant Nicholas Zammit ħati tal-aħħar erba' imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan meta ma kellhiex dubbju illi kien minnu li l-appellant kien qal diskors b'implikazzjonijiet sessali lill-minuri u anke talabhom għal favuri sesswali, biex b'hekk tat affidament lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dawn iż-żewġ minuri li fil-fehma tagħha hija mimlija dettalji dwar il-proposti indiċenti u libidinużi li l-appellant għamel lil dawn iż-żewġt addolexxenti. Stqarret hekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha:

> **Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-awtenticità tax-xhieda tal-minuri liema xhieda hija mimlija dettalji rigward il-proposti indecenti**

**tal-akkuzat fil-konfront taghhom li ried jaghmel maghhom affarijiet sesswali. Illi di piu' dak li hareg hu certu tip ta' *grooming* mill-imputat versu dawn il-minuri fejn qabel ma ghamel il-proposti tieghu, kien sar jafhom, gab il-kunfidenza taghhom forsi fejn tkellmu fuq tfajliet, offrielhom sigaretti u birra mbaghad meta ra li kellu kunfidenza bizzejjed maghhom, ipproponielhom dak li hareg mill-atti.**

**Illi d-difiza qisha qed tixhed dell ikrah fuq dawn il-minuri li forsi kellhom motivi ulterjuri biex jaqilghu gidba fuq l-akkuzat izda minn imkien mill-procediment ma hareg xi motiv plawsibbli fejn dawn il-minuri setghu kellhom il-motiv sabiex jixhdu l-falz.**

**Illi certament l-istess minuri xehdu wkoll illi hassewhom urtati meta ndunaw illi l-imputat kien qieghed jipproponilhom dawk l-atti bis-serjetà u appena gara dan huma waqfulu mill-ewwel bil-konsegwenza li l-imputat irritalja u ghamel tabirruhu li qatt ma kien qal xejn specjalment meta kien affrontat minn omm wiehed mill-minuri**

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament u jindika fl-aggravji tiegħu ċertu nuqqasijiet li, fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti naqqset milli tindirizza.

L-appellant jilmenta mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq bħala prova il-kontenut taċ-ċellulari kemm tal-appellant kif ukoll taż-żewġ minuri. Huwa minnu li l-provi kienu jkunu ferm aktar kompluti li kieku dawn ġew ezebiti *in atti*, madanakollu l-iSpettur Tabone kienet skjetta ħafna meta xehdet li fit-telefon ċellulari tal-appellant ma nstab xejn ta' rilevanza għal każ filwaqt li fit-telefon ċellulari ta' Emerson Camilleri nstabu numru ta' ritratti ta' nisa għarwenin jew nofshom għarwenin li pero' ukoll, fil-fehma tagħha, ma kellhomx relevanza, deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti ma kenitx tispetta lill-abbli prosekutur, iżda lill-awtorita' ġudikanti, bl-obbligu tagħha sanċit mill-liġi jkun dak li tippreżenta kull prova, kemm favur kif ukoll kontra l-imputat, speċjalment meta huwa ċar li dawn il-*mobile phones* u l-kontenut ta' l-istess kienu punt ta' kontestazzjoni fil-mertu ta' dan il-każ.

L-appellant jisħaq li dawn ir-ritratti li nstabu fuq it-telefon tal-minuri Emerson Camilleri kien ġew murija lilu miż-żewġ minuri għalkemm huma dan jiċħduh. Ukoll,

l-minuri Brayden Camilleri xehed li l-appellant kien ħadlu xi ritratti sabiex joqgħod jagħmel atti indiċenti waħdu bihom, pero' l-iSpettur Tabone tgħid li fiċ-ċellulari tal-appellant dawn ir-ritratti tal-minuri ma instabux. Jingħad madanakollu li għalkemm din il-prova ma tressqitx mill-prosekuzzjoni sabiex tikkonferma dawn il-fatti allegati, madanakollu din il-prova tinsab fix-xiehda tal-ispettur Tabone li ma hijiex kontradetta. Issa jekk il-minuri weriex dawn ir-ritratti ndiċenti lill-appellant hija kwistjoni ta' kredibbililta' billi l-pussess ta' dawn ir-ritratti għand il-minuri huwa stabbilit. Kif hu stabbilit il-fatt illi meta eżaminat mill-iSpettur, iċ-ċellulari tal-appellant ma kellux fih ritratti tal-minuri Grech Farrugia, għalkemm ma jistax jkun eskluż il-fatt illi dan seta' ittieħed u tneħħa.

Illi, dwar il-kreddibilita' taz-zewġ minuri, l-Qorti tisħaq li fil-verżjonijiet kollha mogħtija minnhom kemm *a tempo vergine* lill-pulizija, kif ukoll lill-persuni adulti qrib tagħhom u finalment fid-deposizzjoni tagħhom fil-Qorti, huma spjegaw b'mod dettaljat dak li kien iseħħ b'dawn il-verżjonijeit ikunu konsistenti u jikkorroborraw lil xulxin. Dan qed jingħad anke fid-dawl tal-fatt li għalkemm jirriżultaw istanzi fejn l-appellant kien waħdu mal-minuri Brayden Grech Farrugia u istanzi fejn kien waħdu ma' Emerson Camilleri, xortawaħda ir-rakkont taz-zewġ minuri dwar x'kien jagħmel u jgħid l-appellant fil-preżenza tagħhom kien identiku. *In oltre*, jirriżulta li n-nanna u omm il-minuri Brayden Grech Farrugia rrikorrew għand il-Pulizija *ad insaputa* tal-minuri u għalhekk ma jistax lanqas jingħad li huwa flimkien ma' sieħbu Emerson ftiehmu biex joħolqu din l-istorja sabiex jagħmlu ħsara lill-appellant. *Del resto* l-appellant lanqas jirnexxielu jipprova sal-grad minnu mistenni li kien hemm xi motiv li wassal lil dawn il-minuri jivvintaw din l-istorja fuqu. Fl-aħħarnett, dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma ssib l-ebda raġuni 'il għala għandha tiddubita mill-veraċita' ta' dak li xehdu l-minuri, anke fid-dawl tal-fatt li hekk kif stqarru huma stess u anke l-familjari tagħhom, dan l-aġir tal-appellant fil-konfront tagħhom kien affetwahom b'mod negattiv u saħansitra ikkaġunalhom biza' u ansjeta' tant li l-minuri Brayden anke stqarr li jħossu skomdu barra fl-ambitu soċjali.

Illi, minn naħa l-oħra, dina l-Qorti mhix daqstant konvinta dwar il-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant. Huwa minnu li huwa dejjem innega l-affarijiet kollha li qalu

l-vittmi dwaru u huwa minnu ukoll li dejjem baqa' konsistenti f'dak li qal, madanakollu l-verzjoni tal-fatti tindika enfażi fuq episodji li huma għal kollox irrilevanti għal dan il-każ u li l-appellant għamel enfasi fuqhom sabiex jipprova jiskolpa ruħu. Ezempju ta' dan huwa dak li stqarr fl-istqarrija minnu mogħtija u ċioe' li l-affarijiet relatati mas-sess u mal-"**laħam**" jiddisgustawh, idejquh, ma jridx jaf bihom u kważi kważi għalih joħolqu skandlu. Kif ukoll ma tifhimx il-mottiv li huwa kellu joqgħod jirrakkonta lil żewġ subien minuri episodji f'ħajjtu fejn huwa kien abbużat sesswalment bl-iskuża li dan għamlu sabiex jiftħilhom għajnejhom mill-ħazen tad-dinja u mhux biex iqanqal l-istinti libidinużi tagħhom. Dikjarazzjonijiet kontradittorji meta fl-istess nifs igħid li jiddejjaq jitkellem fuq affarijiet relatati mas-sess, imbagħad ħass li kellu jirrakkonta dawn iż-żewġ espisodji lil dawn it-tfal li *del resto* huwa ma kellux kunfidenza magħhom.

Illi, ukoll, l-appellant jinsisti li kien il-minuri Emerson Camilleri li urih ritratti tan-nisa għarwenin u li ma ridx jarahom, madanakollu meta l-iSpettur kienet qed tistaqsi lill-appellant fuq dawn ir-ritratti waqt it-teħid ta'l-istqarrija tiegħu, huwa kien pront jagħti d-dettalji fuq ċerti ritratti li juri biċ-ċar li ra dawn l-istess ritratti u rahom sew tant li jiftakar id-dettalji ta' l-istess, indikazzjoni ċara għalhekk illi ma ċanfarx lill-minuri u qallu biex iwarrabhom meta jidher li qagħad jispezjonhom u kien jaf eżattament x'kienu qed juru dawn ir-ritratti. Li kieku dawn ir-ritratti dejquh kien jindika din l-avverżjoni tiegħu lill-minuri u jitolbu biex ma jarax iktar minnhom, u jipprova jiftaħlu għajnejh dwar il-ħażen tad-dinja, kif jikkontendi li kien għamel meta rrakonta lill-minuri l-episodji tal-abbuż minnu subit.

Illi, mbagħad meta l-appellant jipprova jiskolpa ruħu minn dawn l-akkużi meta igħid illi għandu "**iz-zokk maqtugħ**", tirrażenta il-fieragħ iktar u iktar fid-dawl tax-xiehda tat-tabib kuranti tiegħu Dr. Raymond Sacco, li igħid li għalkemm l-attivita' sesswali tal-appellant tista' tkun impeduta sa ċertu grad minħabba il-mediċini li jieħu għal varji kondizzjonijiet f'saħħtu, madanakollu xorta waħda huwa kapaċi jkollu xewqat ta' natura sesswali u ta' libidine u jħoss il-ġibda ta' natura sesswali lejn terzi persuni, u allura huwa inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi huwa ma iħoss ebda attrazzjoni lejn is-sess wieħed jew l-ieħor.

Illi, mbagħad l-appellant jinsisti illi kien l-minuri Brayden Farrugia li kien avviċinah u tallbu il-birra u s-sigaretti u ma kienx hu li offriehomlu kif jallega il-minuri. Illi fi kwalunkwe każ l-appellant kellu jkun persuna adulta biżżejjed biex jifhem illi lanqas jekk huwa kien mistieden biex jipprovdi xorb alkoholiku lil tifel ta taħt l-eta', dan ma kellux jagħmlu. Dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija propensa tagħti aktar affidament lill-minuri u dan għaliex huwa evidenti illi l-istedin minn naħa ta'l-appellant għall-ikel u xorb kien il-mezz utilizzat minnu sabiex huma jsaħħu l-fiduċja tagħhom fih u jafdawh biex b'hekk meta jasal il-waqt ma jintebħux f'liema nassa kien ser idaħħalhom.

Illi, iz-zewġ minuri xehdu ukoll li l-appellant kien qalilhom diversi drabi sabiex ma jitkellmu ma' ħadd dwar dak li kien ġara, kif ukoll kien uża kliem ta' theddid fil-konfront tagħhom sabiex ibeżżagħhom u jżommhom milli jikxfuh. L-istess espressjoni ta' theddid l-appellant uża fil-konfront ta' Charlene Farrugia meta ħebb għaliha sabiex b'hekk il-Qorti tqis illi dak mistqarr minn dawn ix-xhieda huwa verosimili bl-appellant f'kull ċirkostanza juża l-istess espressjonijiet ta' theddid. Illi inoltre l-Qorti ma għandiex dubbju illi fil-fatt l-appellant kien hedded lil dawn it-tfal tant illi kif xehdu l-ġenituri tagħhom huma kellhom prattikament jisfurzawhom sabiex jitkellmu u jagħtu d-dettalji dwar dan l-akkadut. Li kieku huma kienu qed jivvintaw dan kollu u kienu qed jagħmlu vendetta mill-appellant, kif intenta jallega, ċertament li ma kienux ħa jaħsbuha darbtejn li jaqbdu u jirrapurtawh.

Illi, finalment għalkemm l-appellant jikkontendi illi din ma hija xejn għajr vendetta kontrih mill-minuri u mill-familjari tagħhom, mistoqsi diversi drabi ir-raġuni 'il għala huwa qed jgħid hekk, jibqa' ma jweġibx u minflok jkompli joffendi lil Charlene Farrugia u ma jressaq ebda prova li tista' tindika xi mottiv li abbażi tiegħu dawn in-nies kollha allegatament kienu qed jigdbu dwaru.

Illi, għalhekk magħdud dan kollu, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn sindikabbli fis-sentenza mpunjata u li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija, kif filfatt għamlet. Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju l-appellant jissottometti li l-ħames akkuża kellha tkun assorbita fir-raba' waħda u dana peress li ma rriżulta minn imkien li dak allegat fir-raba' akkuża huwa differenti minn dak allegat fil-ħames waħda.

Illi, jibda' biex jingħad li l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali ġie sostitwit permezz ta'l-Att XIII tal-2018 u ċioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bħala l-għan tiegħu li jippromwovi u jipproteġi d-dritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f 'riskju li jiġu esposti għal vjolenza domestika li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-liġi il-ġdida ħasbet sabiex tipprovdi ukoll għal emendi konsegwenzjali f 'għadd ta' liġijiet varji, fosthom allura f' uħud mid-disposizzonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda għall-Att hemm riprodotta fl-intier tagħha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata ġewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, magħrufa komunement bħala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li ġiet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adeżjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal din il-Konvenzjoni iseħħ fid-09 ta' Ġunju 2017.

Illi, fost ir-reati l-ġodda maħluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imħaddna fl-artikolu 251A(1)(ċ)(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-ħsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-diċitura ta' dawn ir-reati l-ġodda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-liġi ma għadux dak ta' imġieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkażjoni waħda, iżda jirriżulta ukoll meta ikun hemm att wieħed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-inċiżi ġodda għall-artikolu 251A. B'mod speċifiku is-sub-inċiż (1)(e) li jikkontempla wieħed mir-reati addebitati lill-appellant jitkellem fuq "**att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali**", b'distinzjoni ċara bejn il-kelma "*att*" u "*imġieba*", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wieħed.

Illi, l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat –

> **"Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soġġetta għal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali oħra."**

Illi, espost dan it-tgħallim ġurisprudenzjali, huwa palezi li ir-raba' akkuża (talba ta' favuri sesswali) u l-ħames akkuża (att u/jew imġieba li jkollhom konotazzjonijiet sesswali) dedotti fil-konfront tal-appellant mhumiex alternattivi għal xulxin iżda huma zewġ reati separati u distinti, li jippostulaw elementi diversi sabiex jissusistu. Mill-provi prodotti f'din il-kawża, liema provi ġew riprodotti aktar 'il fuq f'dina s-sentenza, jirriżulta li kemm ir-raba' kif ukoll il-ħames imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jissusistu. Filwaqt li jirriżulta li kien hemm istanzi fejn l-appellant kien jitlob lill-minuri għall-favuri sesswali meta kien jgħidilhom sabiex jidħlu għandu bil-għan li jagħmel atti indiċenti magħhom, minn naħa l-oħra jirriżultaw ukoll istanzi oħra fejn huwa evidenti li l-aġir u l-kliem tal-appellant bħal meta, *inter alia*, kien jaqbad il-parti privata tiegħu u jitkellem dwarha u meta kien joqgħod ikellimhom fuq is-sess, kien kliem u aġir li għandhom konotazzjonijiet sesswali. Għaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-appellant m'għandux raġun fl-ilment minnu mressaq u l-istess qed ikun respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar *gravam* sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlettax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn fejn l-appellant jisħaq li din kienet waħda wisq ħarxa u li l-Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha tal-każ odjern.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena

mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, mhux ikkontestat illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti mhux biss hija waħda *entro* l-parametri prospettati mill-Liġi, iżda fuq kollox hija waħda alternattiva għal priġunerija effettiva fejn l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi għażlet li tagħfas fuq l-aspett reformattiv iktar minn dak punittiv, bil-minuri jkunu mogħtija il-protezzjoni mistħoqqa permezz tal-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin. Magħdud dan kollu din l-Qorti tistqarr li ma ssib l-ebda raġuni 'il għala l-piena mposta fuq l-appellant għandha tkun mibdula, iktar u iktar meta r-reati li dwarhom huwa kien misjub ħati kellhom bħala vittmi persuni ta' taħt l-eta' li ghandhom dejjem ikunu protetti minn predaturi bħalma hu l-appellant. Għalhekk, anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jkun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.